# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

Data tal-laqgħa: 17 ta' Diċembru, 2018

*Il- Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fis-7.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi (Assenti b'Apoloġija) |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Assenti) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

**Attendenza : 4**

**61/01** **Rapport Amministrattiv**

**61/01/01** Is-Sindku qara r-rapport ta' ħidma għas-sena 2018.

**61/02** **Estimi Finanzjarji**

**61/02/01** Is-Sindku spjega l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019.

**61/03** **Mistoqsijiet u suġġerimenti**

**61/03/01** Resident 1 – Spjega li minn meta saru l-*bus bays* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu d-djar tagħhom saru infern. Hemmhekk għandek trakk quddiem il-bieb apparti l-ħoss kif ukoll il-tniġġis. Skont il-World Health Organisation, in-*noise pollution* jaffettwa s-saħħa tal-bniedem. Minn informazzjoni li kiseb kemm minn Transport Malta kif ukoll minn *mechanic* il-karozza tal-linja biex taħdem trid tkun ilha startjata kwarta.

**61/03/02** Resident 2 – Qal li l-karozzi tal-linja frekwenti ħafna.

**61/03/03** Resident 3 – Spjega li kemm ilhom li saru l-*bus bays* it-triq djieqet.

**61/03/04** Resident 1 – Qal li l-bankina dejqa, hemm l-arbli, anki biex timxi b'*pushchair* problema u saqsa jekk Transport Malta taċċetta li tiġi ċirkulari meta ħa ssir.

**61/03/05** Resident 2 – Saqsa għalfejn il-Kunsill ma jridx li l-*bus bay* tiġi fi Triq San Ġwann.

**61/03/06** Mario Gauci – Informa li l-Kunsill jaqbel li ssir ċirkulari u qal li dejjem hekk kienet u li hekk nixtiequ li ssir. Spjega li ma jaqbilx li l-karozzi tal-linji jieqfu Triq San Ġwann.

**61/03/07** Resident 1 – Qal li bħala soluzzjoni temporanja l-karozza tal-linja tista' ġġib il-ħin jekk tieqaf tistenna fi Triq San Ġwann.

**61/03/08** Mario Gauci – Spjega li l-karozzi tal-linja ma jgħabbux iktar minn 50 persuna f'ġurnata.

**61/03/09** Resident 1 – Qal li din xi ħaġa li trid tissolva llum qabel għada.

**61/03/10** Sindku – Spjega li jekk tiġi ċirkulari xorta ħa jkun hemm problema imma għalinqas il-Kunsill ikun solva parti mill-problema.

**61/03/11** Resident 1 – Kien ikun aħjar li kieku l-Kunsill ikkonsulta mar-residenti qabel ma ħa deċiżjoni.

**61/03/12** Mario Gauci – Qal li l-karozzi tal-linja bdew jieqfu fil-Pjazza u li Transport Malta riedu jsibu 3 *parking spaces* fejn toqgħod *bus bay*.

**61/03/13** Resident 2 – Qal li huma lesti li jmorru anki għand il-Prim Ministru u talab li l-Kunsill jikkonsidra li l-*bus bays* jitpoġġew post ieħor.

**61/03/14** Carl Grech – Spjega li l-Kunsill qed jagħmel mill-aħjar biex tinstab soluzzjoni.

**61/03/15** Resident 1 – Qal li jħoss li fil-Għargħur hemm żewġ klassijiet, dawk li huma Għargħurin u dawk li ġew joqgħodu l-Għargħur. Spjega li huma ġew joqgħodu l-Għargħur imma t-tfal huma Għargħurin. Fl-istess ħin qal ukoll li l-Kunsill jagħmel ħafna ġid u faħħar is-sistema ta' *traffic lights* fit-Triq il-Ġnien.

**61/03/16** Sindku – Spjega li rapprezzentanza għandhom għax hu personalment mar magħhom Transport Malta.

**61/03/17** Sindku – Informa li meta l-karozzi tal-linja kienu jieqfu fil-Pjazza din kienet kontra l-liġi u li l-bħala Kunsill provajna nsibu soluzzjoni.

**61/03/18** Resident 1 – Spjega li hemm bżonn li jsir iktar infurzar fil-Pjazza speċjalment nhar

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

ta' Sibt u nhar ta' Ħadd. Barra minn hekk, wera *video* sabiex il-Kunsillieri jisimgħu n-*noise pollution* li qed jesperjenzaw ir-residenti ta' kuljum minn filgħodu sa filgħaxija.

**61/03/19** Resident 2 – Skont Transport Malta jekk tiġi ċirkulari ħa jiġri kif ġara Santa Luċija, jiġifieri, li n-nies joġġezzjonaw.

**61/03/20** Resident 1 – Qal li huma ma jridux li l-*bus bays* jibqgħu quddiemhom.

**61/03/21** Sindku – Spjega li għada filgħodu l-Kunsill ħa jinforma lil Transport Malta bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fis-7:35p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**